Nru./No. 21,253
Prezz/Price
€2.52

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 31 ta' Mejju, 2024
Friday, 31st May, 2024

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Avviżi tal-Pulizija 13,445
Police Notices *13,445*

Avviżi tal-Gvern ..... 13,445 - 13,494
Notices ..... *13,445 - 13,494*

Avviżi tal-Qorti ..... 13,495 - 13,496
Court Notices ..... *13,495 - 13,496*

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 127

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Birkirkara

Nhar is-Sibt, 1 ta' Ġunju, 2024, mis-6.45 p.m. sat-7.45 p.m. minn Triq il-Knisja l-Qadima, Triq Karm Zerafa, Triq F. Geneste u Triq Tumas Dingli.

Trasport pubbliku se jkun affettwat.

Swatar, Birkirkara

Nhar il-Ħadd, 2 ta' Ġunju, 2024, mis-7.00 p.m. sat-8.30 p.m., minn Triq il-Graffiti Navali, Triq il-Qanpiena, Triq Tal-Qattus, Triq P. Borg Olivier, Pjazza l-Eroj, Triq Paul Borg, Triq Sisla u Triq Girgor Gatt.

Trasport pubbliku mhux se jkun affettwat.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Il-31 ta' Mejju, 2024

ATT DWAR L-ELEZZJONIJIET
GĦALL-PARLAMENT EWROPEW (KAP. 467)

Avviż

Il-Kummissjonarji Elettorali b'dan jgħarrfu skont id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) tal-artikolu 21 tal-Att dwar Elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew (Kap. 467), u skont id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2) tal-artikolu 89 tal-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali (Kap. 354), qiegħda tiġi hawnhekk ippubblikata bħala Skeda li tinsab ma' dan l-avviż lista bl-ismijiet ta' Aġenti għall-Għadd.

J. CAMILLERI
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

Il-31 ta' Mejju, 2024

POLICE NOTICE

No. 127

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles from the streets mentioned hereunder will be suspended on the dates and times indicated.

Birkirkara

On Saturday, 1st June, 2024, from 6.45 p.m. till 7.45 p.m., through Triq il-Knisja l-Qadima, Triq Karm Zerafa, Triq F. Geneste and Triq Tumas Dingli.

Public transport will be affected.

Swatar, Birkirkara

On Sunday, 2th June, 2024, from 7.00 p.m. till 8.30 p.m., through Triq il-Graffiti Navali, Triq il-Qanpiena, Triq Tal-Qattus, Triq P. Borg Olivier, Pjazza l-Eroj, Triq Paul Borg, Triq Sisla and Triq Girgor Gatt.

Public transport will not be affected.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

31st May, 2024

EUROPEAN PARLIAMENT
ELECTIONS ACT (CAP. 467)

Notice

The Electoral Commissioners hereby give notice in terms of the provisions of subarticle (1) of article 21 of the European Parliament Elections Act, (Cap. 467) and in terms of the provisions of subarticle (2) of article 89 of the General Elections Act (Cap. 354), that there is hereby published as a Schedule to this notice a list containing the names of the Counting Agents.

J. CAMILLERI
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

31st May, 2024

IN LINE WITH OUR PRIVATE POLICY THE LIST MENTIONED HEREUNDER WHICH CONTAINS PERSONAL INFORMATION IS NOT BEING DISPLAYED ONLINE

EUROPEAN PARLIAMENT ELECTIONS ACT (CAP. 467)

List containing the names of Counting Agents

ATT DWAR GVERN LOKALI
(KAP. 363)

Avviż

Il-Kummissjonarji Elettorali b'dan jgħarrfu skont id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (2) tar-regolament 57 tat-Tielet Skeda tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363), qiegħda tiġi hawnhekk ippubblikata bħala Skeda li tinsab ma' dan l-avviż lista bl-ismijiet ta' Aġenti għall-Għadd.

J. CAMILLERI
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

Il-31 ta' Mejju, 2024

LOCAL GOVERNMENT ACT
(CAP. 363)

Notice

The Electoral Commissioners hereby give notice in terms of the provisions of paragraph (2) of regulation 57 of the Third Schedule of the Local Government Act (Cap. 363), that there is hereby published as a Schedule to this notice a list containing the names of the Counting Agents.

J. CAMILLERI
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

31st May, 2024

IN LINE WITH OUR PRIVATE POLICY THE LIST MENTIONED HEREUNDER WHICH CONTAINS PERSONAL INFORMATION IS NOT BEING DISPLAYED ONLINE

LOCAL GOVERNMENT ACT (CAP. 363)

List containing the names of Counting Agents

ATT DWAR L-ELEZZJONIJIET
GĦALL-PARLAMENT EWROPEW (KAP. 467)

Avviż

Skont id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) tal-artikolu 21 tal-Att dwar l-Elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew (Kap. 467) u skont is-subartikolu (1) tal-artikolu 56 tal-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali (Kap. 354), qiegħda tiġi hawnhekk ippubblikata bħala Skeda li tinsab ma' dan l-avviż lista bl-ismijiet tal-Assistenti Kummissjonarji Elettorali li ser jattendu biex jissorveljaw il-votazzjoni għall-finijiet tal-Votazzjoni fl-Elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew.

J. CAMILLERI
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

Il-31 ta' Mejju, 2024

EUROPEAN PARLIAMENT
ELECTIONS ACT (CAP. 467)

Notice

In accordance with the provisions of subarticle (1) of article 21 of the European Parliament Elections Act (Cap. 467), and in accordance with subarticle (1) of article 56 of the General Elections Act (Cap. 354), there is hereby published as a Schedule to this notice a list containing the names of the Assistant Electoral Commissioners who will be in attendance to supervise the poll for the purposes of the forthcoming poll for the European Parliament Elections.

J. CAMILLERI
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

31st May, 2024

ATT DWAR GVERN LOKALI
(KAP. 363)

Avviż

Skont id-dispożizzjonijet tas-subartikolu (1) tar-regolament 26 tat-Tielet Skeda tal-Att dwar Gvern Lokali (Kap. 363), qiegħda tiġi hawnhekk ippubblikata, bħala Skeda ma' dan l-avviż, lista bl-ismijiet tal-Assistenti Kummissjonarji Elettorali li jkunu preżenti biex jissorveljaw il-votazzjoni għall-finijiet tal-Votazzjoni fl-Elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali.

J. CAMILLERI
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

Il-31 ta' Mejju, 2024

LOCAL GOVERNMENT ACT
(CAP. 363)

Notice

In accordance with the provisions of subarticle (1) of regulation 26 of the Third Schedule of the Local Government Act (Cap. 363), there is hereby published, as a Schedule to this notice, a list containing the names of the Assistant Electoral Commissioners who will be in attendance to supervise the poll for the purposes of the forthcoming poll for the Local Councils Elections.

J. CAMILLERI
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

31st May, 2024

IN LINE WITH OUR PRIVATE POLICY THE LISTS MENTIONED HEREUNDER WHICH CONTAIN PERSONAL INFORMATION ARE NOT BEING DISPLAYED ONLINE

EUROPEAN PARLIAMENT ELECTIONS ACT (CAP. 467)

LOCAL GOVERNMENT ACT (CAP. 363)

List containing the names of the Assistant Electoral Commissioners

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1209

Avviż mir-Reġistru tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Billi Lorraine Barbara (KI 35677M) ippreżentat Rikors Ġuramentat (numru 463/2024JVC) fejn ġiet mitluba ir-korrezzjoni tal-Att taż-Żwieġ numru 1379/2021 (korrezzjoni tal-Qorti) fir-Reġistru Pubbliku.

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppeżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja tar-rikors ġuramentat hawn fuq imsemmi bil-ġurnata li tingħata għas-smigħ tal-kawża.

B'ordni tal-Qorti,

Reġistru tal-Qorti Superjuri,

Illum 28 ta' Mejju, 2024

CORA CATANIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Notice, Registry of the Civil Court, First Hall

Whereas Lorraine Barbara (ID 35677M) filed an application under oath (number 463/2024JVC) demanding the correction of the Act of Marriage number 1379/2021 (as correct by Court) in the Public Registry.

Whosoever may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so, by means of a note to be filed in the Registry of these Courts, within fifteen days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Those who, within the aforesaid time, shall have filed such note, shall be notified by the service of a copy of the said application under oath, of the day which will be appointed for the hearing of the case.

By order of the Court,

Registry of the Superior Court,

Today 28th of May, 2024

CORA CATANIA
For Registrar, Civil Courts and Tribunals

1210

Ikun jaf kulħadd illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġuriżdizzjoni Volontarja fid-9 ta' Mejju, 2024 (Rikors numru 38/2024) rikors ta' James Mercieca et fejn intalbet l-apertura tas-suċċessjoni ta' Salvina sive Sally Mercieca, armla ta' Giuseppe Mercieca, bint il-mejtin Giuseppe Falzon u Caterina Falzon née Montanaro, imwielda l-Furjana, Malta, u mietet ir-Rabat, Għawdex, fid-9 ta' Settembru, 2023 (KI 251440M), liema apertura ta' suċċessjoni għandha ssir a favur ta' wliedha James Mercieca (KI 307476M) u Charmaine Farrugia (KI 291668M) fi kwota ta' nofs (1/2) indiviż kull wieħed, ġie ordnat il-ħruġ ta' dan il-bandu biex jiġi mgħarraf kull min jista' jkollu x'jaqsam fih.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa b'dan imsejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu.

It is hereby notified that by means of an application filed in the Court of Magistrates (Gozo) Voluntary Jurisdiction on the 9th of May, 2024 (Application number 38/2024) by James Mercieca et, the opening of the succession was requested of Salvina sive Sally Mercieca, widow of Giuseppe Mercieca, daughter of the late Giuseppe Falzon and Caterina Falzon née Montanaro, born in Floriana, Malta, and died in Victoria, Gozo, on the 9th September, 2023 (ID 251440M), which aperture of succession is to be made in favour of her children James Mercieca (ID 307476M) and Charmaine Farrugia (KI 291668M) in a quota of half (1/2) undivided share each, the issue of these bands was ordered to let know everyone who may have an interest therein.

Therefore, anyone who might have an interest is hereby summoned to appear before the aforementioned Court in order to oppose that request by means of a note within fifteen days which start running from the day of the posting of the banns.

Mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġuriżdizzjoni Volontarja, bix-xhieda ta' Dott. Brigitte Sultana, Duttur tal-Liġi, Maġistrat tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Volontarja
Illum 28 ta' Mejju, 2024

DANIEL SACCO
Deputat Reġistratur, għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

Issued by the Court of Magistrates (Gozo), Voluntary Jurisdiction, with the testimony of Dr Brigitte Sultana, Doctor of Law, Magistrate of the aforementioned Court.

Registry of the Court of Magistrates (Gozo), Voluntary Jurisdiction
Today the 28th of May, 2024

DANIEL SACCO
Deputy Registrar, for the Registrar, Courts and Tribunals (Gozo)

1211

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tal-15 ta' Mejju, 2024, u dan wara Rikors b'numru 477/2024, ordnat:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li jagħmel l-annotazzjoni jew korrezzjoni neċessarja fl-Att tat-Twelid numru 3311/1943 biex il-kunjom 'Magri' kull fejn jidher jiġi sostitwit bil-kunjom korrett 'Magro'.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum it-Tnejn, 27 ta' Mejju, 2024

ADRIAN MICALLEF
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 15th May, 2024, and upon an application numbered 477/2024, ordered:

To the Director of the Public Registry, to make the necessary annotation or correction in the Act of Birth number 3311/1943 so that the surname 'Magri' wherever it appears is replaced by the correct surname 'Magro'.

Court of Revision of Notarial Acts

Today Monday, 27th May, 2024

ADRIAN MICALLEF
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

1212

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tat-22 ta' Mejju, 2024, u dan wara Rikors b'numru 510/2024, ordnat:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li jagħmel l-annotazzjoni jew korrezzjoni neċessarja fl-Att tat-Twelid numru 7497/2019 biex l-isem ta' Dariia Viktorovna Deeva kull fejn jidher fuq dan l-att jiġi mibdul minn 'Dariia Viktorovna' għal 'Daria Alexandrovna'.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum it-Tnejn, 27 ta' Mejju, 2024

ADRIAN MICALLEF
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

IT IS hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 22nd May, 2024, and upon an application numbered 510/2024, ordered:

To the Director of the Public Registry who makes the necessary annotation or correction in the Act of Birth number 7497/2019 so that the name of Dariia Viktorovna Deeva wherever it appears on this act is changed from 'Dariia Viktorovna' to 'Daria Alexandrovna'.

Court of Revision of Notarial Acts

Today Monday, 27th May, 2024

ADRIAN MICALLEF
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper from responsible sources
FSC® C140603